MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 307/2010

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Charles Mangion**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Frar 2010 fejn is-socjeta attrici talbet illi konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf sitt mija u tnejn u disghin Wwro u hamsa u tmenin centezmu (€1,692.85) liema somma tirraprezenta bilanc minn prezz dovut mill-istess konvenut lill Mobisle Communications Ltd in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 426013 u dan fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2009.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bil-ispejjez tal-kawza inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, dawk tal-mandat ta’ sekwestru kif ukoll bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf sitt mija u tnejn u disghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,692.85) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tat-talba sad-data tal-hlas effettiv inkluz dawk tal-ittra ufficjali kif ukoll tal-mandat tas-sekwestru.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------